MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-20 ta’ Ottubru, 2021

Appell Inferjuri Numru 101/2019/1 LM

**Joseph Borg (K.I. Nru 133563M)** *(‘l-appellat’)*

***vs.***

**Awtorità għat-Trasport f’Malta** (*‘l-appellanta’)*
**u Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata l-**Awtorità għat-Trasport f’Malta** [minn issa ’l quddiem ‘l-Awtorità appellanta’] mid-deċiżjoni preliminari mogħtija fis-7 ta’ Frar, 2020, [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni preliminari’] u anki minn dik id-deċiżjoni finali mogħtija fit-18 ta’ Diċembru, 2020, [minn issa ’l

quddiem 'is-sentenza appellata'], mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħhom ddeċieda billi annulla d-deċiżjoni tal-imsemmija Awtorità appellanta tat-23 ta' Lulju, 2019, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni tal-Awtorità'], kif implimentata mill-intimat il-**Kunsill Lokali**, sabiex tnaqqas it-tul ta' linji sofor li r-rikorrent **Joseph Borg (K.I. nru 133563M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], kellu fuq naħa waħda tal-garaxx tiegħu ġewwa Triq Antonio Bogdan, Ħaż-Żebbuġ, u dan filwaqt li laqa' t-tielet eċċezzjoni tagħha u ċaħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-Awtorità appellanta bl-ispejjeż kontriha.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw il-linji sofor fuq kull naħa tal-garaxx sottopost ir-residenza tal-appellat, li jġib in-numru 56, bl-isem *Stardust,* u li jinsab fi Triq Andrea Bogdan, Ħaż-Żebbuġ. Jirriżulta mhux kontestat il-fatt li dawn il-linji sofor kienu ilhom miżbugħin sa mis-sena 2013, meta kienu ġew approvati mill-Awtorità appellanta stess f'tul ta' 3.25 metri fuq in-naħa tax-xellug tal-garaxx hekk kif wieħed ikun qed iħares 'il barra mill-bieb tiegħu, u metru fuq in-naħa l-oħra tiegħu. Imbagħad meta fis-sena 2019 l-Awtorità appellanta wettqet xogħol ta' rikostruzzjoni tat-triq, il-linji sofor kellhom isiru mill-ġdid, iżda fl-aħħar ta' Settembru ta' dik is-sena l-itwal linja safra tqassret mill-ħaddiema tal-Awtorità appellanta għal inqas minn żewġ metri. Dan wassal sabiex l-appellat ma setax joħroġ il-vetturi mill-garaxx jekk ikun hemm vettura pparkjata fuq naħa minnhom tal-imsemmi garaxx.

**Mertu**

3. B'hekk l-appellat intavola proċeduri quddiem it-Tribunal permezz ta' rikors fl-14 ta' Ottubru, 2019, fejn talab lill-imsemmi Tribunal sabiex:

> *"1. Tiddikjara d-deċiżjoni u l-egħmil amministrattiv tal-Konvenuti sabiex ineħħu d-* double yellow lines *fi Triq Andrea Bogdan, Ħaż-Żebbuġ m'huwiex konformi mal-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba stabbilit fl-Artikolu 3 tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta;*
> *2. Tordna l-Konvenuti sabiex jerġgħu jagħmlu l-istess linji fi Triq Andrea Bogdan, Ħaż-Żebbuġ*
> *3. Tordna lill-Konvenuti sabiex jassiguraw li r-Rikorrenti jkun jista' juża l-garaxx in kwistjoni għall-iskop hawn fuq imsemmi".*

4. L-Awtorità appellanta wieġbet billi eċċepiet preliminarjament li (a) l-isem tagħha ma kienx indikat sew fir-rikors promotur; (b) in-nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae* tat-Tribunal; (ċ) mhux applikabbli l-artikolu 3 tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta; u (d) fil-mertu li ma kienx jidher li l-appellat għandu l-permess neċessarju mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jagħmel użu mill-garaxx għal inġenji u vetturi kbar.

**Is-Sentenza Preliminari**

5. It-Tribunal iddeċieda kif ġej it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-Awtorità appellanta:

> ***"Ikkunsidra:***
>
> *Illi l-għemil amministrattiv lamentat mir-rikorrenti huwa t-tneħħija ta'* double yellow lines *minn mal-ġnub tal-garaxx tiegħu, li mir-rikors tiegħu jirriżulta li jintuża għall-*

*iggaraxxjar ta' nġenji tal-kostruzzjoni. Illi mid-dokument esebit a fol. 4 tal-proċess jirriżulta illi l-Awtorità intimata kienet ordnat lill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ biex jieħu dawk il-passi neċessarji biex titneħħa estensjoni ta'* double yellow lines *minn Triq Andrea Bogdan, Ħaż-Żebbuġ stante li dak awtorizzat kien biss linji ta' żewġ metri fuq kull naħa tal-garage in kwistjoni.*

*Illi permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha l-Awtorità intimata eċċepiet illi dan it-Tribunal m'għandux kompetenza* ratione materiae *u dan stante li l-kwistjoni mhix naxxenti minn ebda deċiżjoni ta' Bord amministrativ u li effettivament dan it-Tribunal m'għandhux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-***kompetenza ta' dan it-Tribunal** *tinsab delinejata f'artikoli 5 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva), li jgħid is-segwenti:-*

*Artikolu 5* "(1) Qiegħed jiġi stabbilit skont id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skont dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.

(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi."

*Illi jirriżulta illi l-intenzjoni tal-Leġislatur meta għamel il-liġi, u iktar u iktar meta emenda l-istess liġi permezz tal-Att IV tal-2016, kienet illi dan it-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni limitata sabiex jirrevedi atti amministrattivi li l-Att li minnhom jemanu jagħti dritt lil min iħossu aggravat sabiex jappella minnhom quddiem dan it-Tribunal. Illi l-Att Dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta huwa wieħed minnhom. Ai termini tal-artikolu 40 tal-imsemmi Att:* "(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi:

(a) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tissospendi jew li *tirrevoka* awtorizzazzjoni, jew liċenza jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenza; u

(b) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi piena amministrattiva jew ta' xort'oħra imposta fuq dik il-persuna mill-Awtorità."

*Illi kwindi t-termini entro liema għandu ġurisdizzjoni jopera dan it-Tribunal għal dak li għandu x'jaqsam deċiżjonijiet tal-Awtorità intimata huma ben definiti. Illi fir-rikors promutur ġie allegat li madwar is-sena 2013 l-Awtorità intimata kienet awtorizzat li jinżebgħu* double yellow lines *mal-ġnub tal-garaxx in kwistjoni fuq naħa waħda ta' qies ta' metru u fuq naħa oħra ta' tlett metri punt ħamsa u għoxrin (3.25m). Illi f'dan l-istadju dan it-Tribunal mhux se jidħol fil-mertu o meno dwar l-estent ta' din l-awtorizzazzjoni stante li jidher li ma hemmx qbil dwar l-istess estent. Illi però stante li r-rikorrent qiegħed isostni li allegatament kien hemm awtorizzazzjoni da parti tal-Awtorità intimata, liema awtorizzazzjoni ġiet allegatament revokata bl-ittra tat-23 ta' Lulju 2019, allura jirriżulta illi dan l-għemil jinkwadra ruħhu fis-subinċiż (a) tal-artikolu hawn fuq ċitat, u ċioé* "**deċiżjoni tal-Awtorità li tirrevoka awtorizzazzjoni**."

*Illi b'referenza għal dak sottomess fit-tieni eċċezzjoni, it-Tribunal jirrileva illi huwa ma ġiex imwaqqaf limitatament biex jindaga kwistjonijiet naxxenti minn deċiżjonijiet ta' bordijiet amministrattivi oħra. Dan huwa ċar mill-artikolu 5 tal-Kapitolu 490 ċitat iktar 'il fuq. Fir-rigward għall-aċċenn għall-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 it-Tribunal jirrileva illi f'dan il-każ huwa mhux qiegħed jeżerċita kompetenza ġenerali iżda kompetenti li toħroġ minn artikolu speċifiku fil-Kapitolu 499 li jattribwixxi kompetenza lil dan it-Tribunal.*

*Illi fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni, it-Tribunal jinnota illi r-rikorrent iċċita artikolu 3 tal-Kapitolu 490 fl-ewwel talba tiegħu fir-rikors tal-appell. It-Tribunal għandu għaliex jifhem li kien għalhekk li l-Awtorità intimata eċċepiet li d-deċiżjoni appellata ma ttieħdet minn ebda tribunal fi ħdan l-istess Awtorità. Infatti ċ-ċitat artikolu 3 jippremetti illi fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku, it-tribunali amministrattivi għandhom jirrispettaw u japplikaw il-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba stabbilta fl-istess Att. Illi t-Tribunal odjern huwa wieħed minn dawn it-tribunali amministtrattivi. Illi dan l-artikolu ma jolqotx l-operat ta' deċiżjonijiet amministrattivi mhux meħudin minn tribunal amministrattiv għalkemm ċertament kull awtorità pubblika għandha timxi fuq prinċipji ta' amministrazzjoni tajba. Kwindi l-Awtorità intimata għandha raġun fuq it-tielet eċċezzjoni mogħtija minnha."*

## Is-Sentenza Appellata

6. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Ikkunsidra:***

*Illi r-rikorrent qiegħed jappella minn deċiżjoni tal-Awtorità intimata u implimentata mill-Kunsill Lokali intimat li permezz tagħha tnaqqas it-tul ta' linji sofor li kellu fuq naħa tal-garaxx tiegħu ġewwa Triq Antonio Bogdan, Żebbuġ.*

*Illi mill-provi jirriżulta illi sa qabel kien hemm id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata datata 23 ta' Lulju 2019 (Dok TMX 5 a fol. 87) ir-rikorrent kellu 3.25 metri linji sofor fuq naħa waħda tal-garaxx u metru (1) ieħor fuq in-naħa l-oħra u dan kif jirriżulta mill-email mibgħuta minn Robert Tabone lil Andrew Haig (Dok RT2 a fol. 78) u anke mir-ritratt esebit a fol. 77. Illi dan l-arranġament kien ilu hekk wara deċiżjoni tal-Awtorità intimata komunikata b'email fid-19 ta' Diċembru 2013 lill-Kunsill Lokali, liema deċiżjoni ġiet imbagħad implimentata mill-istess Kunsill.*

*Illi ġara illi wara li saret ir-rikostruzzjoni tat-triq u reġgħu inżebgħu il-linji sofor kif kienu qabel, xi resident ilmenta mal-Awtorità intimata li l-istess linji kienu ġew estiżi għal quddiem ir-residenza tiegħu b'mod li ma setax jipparkja quddiem l-istess residenza. Għalhekk l-Awtorità intimata sostniet illi ppruvat issib bilanċ bejn id-diversi interessi tar-residenti, inkluż tar-rikorrent, billi naqqset it-tul tal-istess linji sofor għal żewġ (2) metri.*

*Illi jirriżulta wkoll illi din l-aħħar deċiżjoni ta' Lulju 2019 lanqas tirrifletti d-deċiżjoni ta' meta kienu ġew konċessi żewġ (2) metri linji sofor fl-2013, u dana għaliex f'dak iż-żmien kien ġie konċess ukoll illi jsiru linji sofor faċċata tal-garaxx (Dok TMX7 a fol. 89).*

*Illi għalhekk is-sitwazzjoni spċċat biex tnaqqas tul ta' linji sofor mingħajr lanqas ma ġew magħmula l-linji sofor faċċata tal-garaxx in kwistjoni, kif oriġinarjament kien deċiż mill-Awtorità intimata.*

*Illi t-Tribunal japprezza illi l-Awtorità intimata kellha tieħu deċiżjoni li kemm jista' jkun tħares l-interessi tar-residenti kollha tat-triq. Illi però l-unika raġuni li ġabet biex issostni d-deċiżjoni tagħha kienet li kien tressaq ilment li resident ma setgħax jipparkja quddiem ir-residenza tiegħu fi triq u żona fejn kien hemm parkeġġ limitat. B'hekk ħadet id-deċiżjoni appellata u rrendiet id-dħul tar-rikorrent bl-inġenji tiegħu fil-garaxx impossibbli jew kważi impossibbli.*

*Illi l-Qorti tinnota illi t-3.25 metri linji sofor jestendu għal quddiem il-koxxa tal-garaxx adjaċenti għar-residenza tal-imputat. Illi dan it-terz jirriżulta li jippretendi li dawn il-linji m'għandhomx jestendu sa quddiem il-koxxa tal-garaxx tiegħu sabiex ikun jista' jipparkja quddiem l-istess garaxx. Illi minn Dokument JB16 a fol. 63 tal-proċess jirriżulta illi jekk ir-resident tal-garaxx biswit ir-residenza tar-rikorrent irid jipparkja vettura dan jista' jagħmlu quddiem il-bieb tal-garaxx tiegħu peress li hemm biżżejjed*

*wisgħa biex jagħmel dan u dan nonostante t-3.25 metri linji sofor bejn il-garaxx tar-rikorrent u l-bidu tal-garaxx tiegħu u dan naturalment anke meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni illi man-naħa l-oħra tal-garaxx tat-terz jistgħu isiru wkoll, jekk għadu ma hemmx, linji sofor. Illi t-Tribunal isostni li t-triq hija waħda pubblika u ħadd m'għandu xi dritt sagrosant li jipparkja eżattament quddiem il-bieb tad-dar tiegħu. L-uniku ħaġa li hija essenzjali fi triq pubblika hija li min għandu garaxx ikun jista' jagħmel użu minnu għall-ħtiġijiet tiegħu. Bil-linji kif kienu, u ċioé ta' 3.25 metri ma jirriżultax illi kien qiegħed jinħoloq xi preġudizzju għat-terz biex idaħħal u joħroġ il-vettura tiegħu mill-garaxx. Kwindi t-terz jista' jippretendi li jkollu aċċess liberu għall-garaxx tiegħu però mhux li ħaddieħor ma jkunx jista' jimmanuvra l-vetturi tiegħu biex joħroġhom u jdaħħalhom fil-garaxx sabiex huwa jkunu jista' jipparkja eżattament quddiem il-garaxx tiegħu, liema ħaġa fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal xorta jista' jagħmilha għaliex hemm tul biżżejjed li wieħed jagħmel dan jekk huwa wkoll ikollha sinjali fuq in-naħa l-oħra tal-garaxx tiegħu.*

*Illi għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorità intimata ħadet in konsiderazzjoni ċirkostanzi irrilevanti biex waslet għad-deċiżjoni tagħha li tnaqqas il-linji sofor in kwistjoni. Bid-deċiżjoni tagħha l-Awtorità intimata ħolqot preġudizzju kbir għar-rikorrent biex aġevolat terz li lmenta u li ċertament ma kienx se jsofri l-preġudizzju li sofra r-rikorrent. Illi dan it-Tribunal jirrileva illi l-permessi o meno tal-garaxx in kwistjoni ma jiċċentraw xejn mad-deċiżjoni appellata għaliex din ittieħdet unikament minħabba lment ta' terz li ried jipparkja quddiem ir-residenza tiegħu*

*Għaldaqstant it-Tribunal iqis illi d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata li tnaqqas il-linji sofor in kwistjoni kienet waħda żbaljata u ttieħdet abbażi ta' konsiderazzjonijiet soġġettivi. Illi però t-Tribunal ma jsibx xi nuqqas fl-għemil tal-Kunsill Lokali intimat stante li dan kellu bilfors jimxi mal-ordnijiet mogħtija lilu mill-Awtorità intimata. Jirriżulta wkoll illi l-Kunsill Lokali intimat kellu kull intenzjoni li jħalli l-linji sofor kif kienu, tant li qabel inqalgħat it-triq huwa ħa r-ritratti kif kienu l-linji sofor sabiex jerġa' jiżbogħhom eżattament kif kienu. Huwa veru li wara lmenti minn residenti kien naqqashom bi ftit, però d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata ippreġudikat b'mod totali lir-rikorrent milli jkun jista' jagħmel użu mill-garaxx tiegħu sabiex idaħħal u joħroġ l-inġenji tiegħu.*

*Illi finalment it-Tribunal jirrileva illi huwa għandu l-kompetenza biss li jannulla d-deċiżjoni appellata. It-Tribunal m'għandhux kompetenza li jordna li jerġgħu isiru l-istess linji fit-triq in kwistjoni sabiex ir-rikorrent ikun jista' jerġa' jibda juża l-garaxx tiegħu kif kien jagħmel qabel ġiet implimentata d-deċiżjoni appellata. Madankollu dan it-Tribunal jawspika li minkejja li ma jistgħax jagħmel tali ordnijiet, l-awtoritajiet*

*pubbliċi isegwu dak enunċjat fis-sentenzi ta' dan it-Tribunal sabiex jigu rimedjati sitwazzjonijiet li jkunu ħolqu preġudizzju għal min ikun intavola appell quddiemu".*

## L-Appell

7. L-Awtorità appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-7 ta' Jannar, 2021, fejn qiegħda titlob sabiex din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza preliminari u anki s-sentenza appellata, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat. Is-segwenti huma t-tliet aggravji li qiegħda tressaq: (a) in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal; (b) it-Tribunal naqas li jagħmel evalwazzjoni xierqa tal-poteri amministrattivi tal-Awtorità appellanta; u (ċ) it-Tribunal ippremja l-illegalità tal-appellat.

8. L-appellat jilqa' għall-appell tal-Awtorità appellanta billi jissottometti li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma fl-intier tagħha għal dawk ir-raġunijiet li jfisser fir-risposta tiegħu.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-Awtorità appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta intavolata mill-appellat u tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata.

*L-ewwel aggravju:* *[l-inkompetenza tat-Tribunal]*

10. L-Awtorità appellanta tikkontendi li t-Tribunal ma kellu l-ebda kompetenza *ratione materiae* sabiex jisma' u jiddeċiedi t-talbiet tal-appellat. Tispjega li l-*email* tagħha tad-19 ta' Diċembru, 2013, kienet tindika biss li hija ma kinitx qiegħda ssib oġġezzjoni sabiex jinżebgħu linji sofor f'tul ta' tlieta punt tnejn ħamsa (3.25) metri fuq il-lemin u (1) metru fuq ix-xellug tal-garaxx tal-appellat, sakemm ma jiġux ippreġudikati d-drittijiet ta' terzi persuni. Tinsisti li din kienet biss direzzjoni u mhux awtorizzazzjoni, u dan erġa' u tgħid lill-Kunsill u mhux lill-appellat. Għalhekk l-ittra tagħha tat-23 ta' Lulju, 2019 ma kienet qiegħda tirrevoka l-ebda *"awtorizzazzjoni, jew liċenza jew permess" ai termini* tal-artikolu 40 tal-Att Dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta kif intqal fid-deċiżjoni preliminari, iżda kienet biss qiegħda tbiddel id-direzzjoni kif mogħtija minnha stess fis-sitt snin ta' qabel minħabba bidla fiċ-ċirkostanzi, konsistenti fir-rikostruzzjoni tat-triq. L-Awtorità ssostni li l-aġir lamentat kien proprju l-operat tagħha, u ma kienx jikkostitwixxi sospensjoni jew revoka ta' "*awtorizzazzjoni, jew liċenza jew permess",* li huma sindakabbli mit-Tribunal. Għalhekk it-Tribunal ma kellu l-ebda kompetenza *ratione materiae* fil-każ odjern.

11. L-appellat min-naħa tiegħu jinsisti li t-Tribunal huwa kompetenti stante li l-Awtorità appellanta kienet ordnat li jitneħħew is-sinjali tat-traffiku inkwistjoni, mingħajr ma infurmatu jew ikkonsultat miegħu, u b'mod li ppreġudikat l-użu tal-garaxx tiegħu.

12. Il-Qorti tgħid li t-Tribunal iddeċieda sew. Tibda billi tirrileva li fit-tieni eċċezzjoni tagħha l-Awtorità appellanta ssollevat il-kwistjoni li t-Tribunal ma

kienx kompetenti *ratione materiae* sabiex jiddeċiedi r-rikors tal-appellat, għaliex l-kwistjoni ma kinitx tirrigwarda deċiżjoni ta' bord amministrattiv, u għalhekk ma kien hemm l-ebda kompetenza *ai termini* tas-subartikolu 5(2) tal-Kap. 490. It-tielet eċċezzjoni tagħha tkompli tibni fuq it-tieni, meta tgħid li deċiżjoni dwar linji sofor ma tittieħidx mill-ebda tribunal fi ħdan l-istess Awtorità appellanta, u għalhekk ma kienx applikabbli l-artikolu 3 tal-Kap. 490. Fit-trattazzjoni tal-avukat difensur tagħha, l-Awtorità appellanta baqgħet issostni l-istess pożizzjoni. Il-Qorti tirrileva li quddiem it-Tribunal fl-ebda ħin l-Awtorità appellanta ma daħlet fil-kwistjoni tal-awtorizzazzjoni o meno tagħha, kwistjoni li llum tressqet quddiem din il-Qorti permezz tal-ewwel aggravju. Għalhekk tgħid li l-aggravju m'għandux jiġi kkonsidrat minn din il-Qorti sa fejn dan jolqot tali kwistjoni, u dan ġaladarba l-argument huwa wieħed ġdid li faċilment seta' jsir quddiem it-Tribunal, fejn l-appellat kien ikollu d-dritt li jippreżenta l-provi u s-sottomissjonijiet tiegħu sabiex jirribatti l-argument tagħha, filwaqt li kien ukoll jitħares id-dritt tal-eżami doppju.

13. It-Tribunal għamel ukoll riferiment għall-artikolu 5 tal-Kap. 490, iżda wasal għall-konklużjoni opposta u l-Qorti tgħid dik li hija korretta. It-Tribunal irrileva li l-intenzjoni tal-leġislatur meta għamel din il-liġi, u saħansitra meta emenda l-istess liġi permezz tal-Att IV tal-2016, kienet li t-Tribunal għandu jkollu kompetenza limitata sabiex jirrevedi dawk l-atti amministrattivi skont dik il-liġi li kienet tagħti dritt lil kull min iħossu aggravat minnhom. Fost dawk il-liġijiet it-Tribunal irrileva li kien hemm l-Att Dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Kap. 499, u hawn huwa jiċċita d-dispożizzjonijiet tal-para. (a) u (b) tas-subartikolu 40(1) ta' dak l-Att, li l-Qorti tgħid jagħtih kompetenza li jisma' appelli minn

individwu li jħossu ruħu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità nnifisha f'dawk il-limiti stabbiliti mill-istess dispożizzjonijiet, li jipprovdu kif ġej:

> *"40. (1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi:*
>
> *(a) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka awtorizzazzjoni, jew liċenza jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenza; u*
>
> *(b) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi piena amministrattiva jew ta' xort'oħra imposta fuq dik il-persuna mill-Awtorità."*

14. It-Tribunal irrileva li skont dak li kien qed jiġi allegat mill-appellat, għall-ħabta tas-sena 2013 l-Awtorità appellanta kienet awtorizzat li jinżebgħu linji sofor mal-ġnub tal-garaxx tal-appellat, u li sussegwentement dik l-awtorizzazzjoni kienet ġiet revokata b'ittra tat-23 ta' Lulju, 2019. Il-Qorti tgħid li fid-dawl ta' din l-allegazzjoni, it-Tribunal mingħajr ma daħal f'kwistjoni li kienet tolqot il-mertu, sewwa għaraf li l-għemil tal-Awtorità kien jaqa' fil-parametri stabbiliti mis-subinċiż (a) tas-subartikolu 40(1) tal-Kap. 499. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tat-Tribunal u tqis li ġaladarba t-Tribunal kien affaċċjat b'allegazzjoni li l-Awtorità appellanta kienet tat l-awtorizzazzjoni tagħha għall-linji sofor inkwistjoni, huwa kien marbut li jinvestiga l-ilment li tressaq quddiemu dwar deċiżjoni li kienet ittieħdet mill-istess Awtorità.

15. Għaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dik il-parti tal-ewwel aggravju fejn l-Awtorità appellanta qiegħda tissolleva argumenti ġodda f'dawn il-proċeduri, tiċħad il-kumplament tal-aggravju tagħha.

*It-tieni aggravju:* *[it-Tribunal m'għamilx evalwazzjoni xierqa tal-poteri amministrattivi tal-Awtorità appellanta]*

*It-tielet aggravju:* *[it-Tribunal ippremja l-illegalità tal-appellat]*

16. It-tieni aggravju tal-Awtorità appellanta jirrigwarda l-allegat nuqqas ta' evalwazzjoni xierqa min-naħa tat-Tribunal tal-poteri amministrattivi tagħha. Tissottometti li l-aċċess għal garaxx huwa regolat mill-klawsola 5.3 tal-linji gwida maħruġa minnha stess, u li ġew riveduti fis-sena 2016. Skont dawn il-linji gwida, meta wieħed japplika għal sinjali fit-toroq sabiex jipprovdu għal aċċess komdu għal garaxx, għandu jiġi ppreżentat il-permess tiegħu kif maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar. Fil-każ odjern, il-permess tal-appellat kif maħruġ fid-19 ta' Ottubru, 1985 kien jindika li dan kien mogħti *"to erect dwelling with underlying garage for private cars..."* u għalhekk l-Awtorità appellanta tikkontendi li dan ma kienx ikopri inġenji kbar ta' kostruzzjoni. Tkompli tgħid li skont il-para. (b) tal-klawsola 5.3.4 tal-istess linji gwida, u anki skont is-subregolament 77(4) tal-L.S.65.11, l-Awtorità appellanta ma kellha l-ebda obbligazzjoni li tawtorizza il-linji sofor, iżda kienet tgawdi minn diskrezzjoni. Tispjega wkoll li skont il-para. (ċ) tal-klawsola 5.3.5, hija tapprova l-linji sofor fejn ma jsirx preġudizzju lil terzi, kif ġara fil-każ odjern, u anki l-para. (d) ta' warajh kien jitlob li l-linji sofor isiru biss fejn l-applikant ikollu l-permess, liċenza jew awtorizazzjoni mingħand l-aġenziji pubbliċi konċernati, u fil-każ odjern l-appellat ma kellu l-ebda liċenza. Imbagħad il-para. (b) tal-klawsola 5.3.9 kien jirrakkomanda li l-linji sofor ikunu tul ta' metru u jiġu mmarkati fuq naħa jew fuq iż-żewġ naħat tal-garaxx. L-Awtorità appellanta spjegat li meta hija inizzjalment kienet awtorizzat li l-linji sofor

kellhom ikunu ta’ 3.25 metru fuq naħa u 1 metru fuq in-naħa l-oħra tal-garaxx, hija kienet qiegħda tagħmel dan sakemm ma jiġux ippreġudikati d-drittijiet ta’ terzi persuni. Iżda meta saret ir-rikostruzzjoni tat-triq u semgħet l-ilment ta’ wieħed mir-residenti, hija kellha l-opportunità li tagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tas-sitwazzjoni u użat id-diskrezzjoni u awtorizzat tul ta’ żewġ metri fuq kull naħa. It-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta jkompli fuq dan it-tieni aggravju tagħha. Tirrileva li t-tielet aggravju tagħha huwa wieħed ċar u manifest u jikkonsisti mill-fatt li d-deċiżjoni tat-Tribunal ippremjat l-illegalità tal-appellat. għaliex din tagħtu d-dritt sabiex jidħol u joħroġ b’mod komdu bl-inġenji kbar ta’ kostruzzjoni f’garaxx f’triq residenzjali, meta l-permess ta’ dak il-garaxx kien għall-użu ta’ vetturi privati ta’ daqs normali. Għalhekk hija ma setgħetx tiġi kostretta li tieħu deċiżjonijiet imsejsa fuq l-illegalitajiet imwettqa mill-persuna li kienet qiegħda tressaq it-talba, proprju kif ġara fil-każ odjern. Tikkontendi li hija kienet aġixxiet fil-parametri tal-awtorità tagħha, filwaqt li tagħlaq is-sottomissjonijiet tagħha billi ssostni li l-appellat ma kellu l-ebda dritt li għall-konvenjenza tiegħu biss iżomm lil resident ieħor tat-triq milli jipparkja quddiem ir-residenza tiegħu.

17. L-appellat min-naħa tiegħu jwieġeb li dawn l-aggravji huma għalkollox infondati. Jispjega li l-linji gwida li ssemmi l-Awtorità appellanta huma rrilevanti. Isostni li wara li din tal-aħħar kienet rat il-ħtieġa għal-linji sofor, wara li għaddew sitt snin hija kienet iddeċidiet li tneħħihom mingħajr l-ebda konsultazzjoni jew preavviż, u dan ukoll fid-dawl tal-fatt li l-linji sofor ma kienu ppreġudikaw l-ebda dritt legali jew amministrattiv ta’ terza persuna.

18. Hawn ukoll il-Qorti tgħid li t-Tribunal iddeċieda tajjeb meta qies li d-deċiżjoni tal-Awtorità appellanta kienet waħda żbaljata u ttieħdet abbażi ta' konsiderazzjonijiet soġġettivi. Dan filwaqt li spjega li l-permessi *o meno* tal-garaxx ma kellhom l-ebda konsegwenza fuq id-deċiżjoni tal-Awtorità appellanta, li straħet biss fuq ilment ta' terz li ried li jipparkja l-vettura tiegħu quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Qorti tgħid li dan saħansitra jirriżulta ampjament mix-xhieda mogħtija permezz tal-*affidavit*[1] mill-**Perit Antoinette Marie Conti** li tokkupa l-kariga ta' *Senior Manager (Operations)* fl-uffiċċju tad-*Deputy CEO* tal-Awtorità appellanta, fejn din stqarret hekk b'mod ferm kategoriku:

> *"11. Nifhem illi wara li kienu tpinġew id-*double yellow lines *fuq l-asfalt il-gdid, kien daħal ilment minn terz ili dawn il-linji kienu ġew estiżi għal quddiem ir-residenza tiegħu, b'mod li hu stess ma setax jipparkja quddiem ir-residenza tiegħu stess, f'triq u żona fejn il-parkeġġ kien ġia limitat. Kien dan illi wassal sabiex eventwalment is-Sur Andrew Haig, Manager fit-Traffic Management Department, indika lill-Kunsill ta' Ħaż-Żebbuġ illi effettivament kienu biss iż-2m li kienu ġew approvati da parti tal Awtorità skont il-kontro-protest datat Settembru 2013".*

19. Il-fatt li kien hemm ilment minn terz hekk kif saret it-triq mill-ġdid u reġgħu saru l-linji sofor kif kienu qabel, itennih għal darb'oħra x-xhud Andrew Haig li jaħdem bħala *Manager* fi ħdan it-*Traffic Management Department* tal-Awtorità appellanta, u li wkoll xehed permezz tal-*affidavit*[2] :

> *"L-involviment tiegħi fil-każ tal-linji sofor li qiegħed jitlob is-Sur Borg, seħħ wara li tranġat Triq Andrea Bogdan u daħlu xi rapporti rigward linji sofor li reġgħu ġew impinġija fit-triq li kienu pjuttost twal u bdew jiskomodaw lil xi nies fit-triq;"*

[1] Dok. AC1 *a fol.* 107.
[2] Dok. AH1 *a fol.* 112.

20. Għalhekk kif għaraf tajjeb it-Tribunal, il-permessi *o meno* tal-garaxx li kienu nħarġu lill-appellat, ftit li xejn ġew meħudin inkonsiderazzjoni mill-Awtorità appellanta meta ddeċidiet li l-linji sofor ma kellhomx iżommu l-istess tul kif oriġinarjament awtorizzat minnha stess. Il-Qorti tirrileva li skont ix-xhieda tal-Perit Antoinette Marie Conti jirriżulta wkoll li:

> *"...fid-19 ta' Diċembru 2013, il-Perit Susanne Bonello mill-Awtorità bagħtet email lil Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, illi fih kien ikkupjat ukoll ir-rappreżentant legali tas-Sur Borg. F'dan l-email, il-Kunsill kien giegħed jiġi nfurmat illi l-Awtorità kienet qiegħda tawtorizza 3m linji sofor fuq in-naħa tax-xellug tal-garaxx meta wieħed iħares il-barra mill-bieb, u metru linji sofor fuq in-naħa tal-lemin"*

21. Fid-dawl ta' dak li ġie kkonfermat mill-Awtorità appellanta stess, il-Qorti ftit tista' tifhem l-argument ta' din tal-aħħar li t-Tribunal permezz tad-deċiżjoni tiegħu kien ippremja l-illegalità tal-appellat, meta kienet hija stess li awtorizzat linji sofor f'tul li jaqbeż b'mod konsiderevoli l-massimu skont il-linji gwida magħmula minnha stess. Għalhekk il-Qorti tikkonsidra l-argument tal-Awtorità appellanta bħala wieħed kontradittorju għall-għemil tagħha stess u saħansitra għalhekk għalkollox fieragħ.

22. Għaldaqstant din il-Qorti ssib it-tieni u t-tielet aggravji tal-Awtorità appellanta mhux ġustifikati, u tiċħadhom.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti filwaqt milli tastjeni li tieħu konjizzjoni ta' dik il-parti tal-appell tal-Awtorità appellanta kif spjegat, tiddeċiedi dwar il-**

**kumplament tal-appell tagħha billi ticħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza preliminari u s-sentenza appellata fl-intier tagħhom.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt dawk tal-preżenti appell għandhom ikunu wkoll a karigu tal-Awtorità appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**